Maria Stefania Vella: Membru tal-Pastoral and Liturgical Youth Group

# Il-Hobza Maltija: Identita'u Lokal

Il-Pastoral and Liturgical Youth Group (P.L.Y.G.) huwa grupp ta' zghazagh fi hdan il-Parocca ta' San Sebastjan f'Hal Qormi. Il-grupp gie mwaqqaf fis-sena 2004 u jilqa' fih numru sabih ta' zghazagh b'etajiet ivarjaw minn 13 il-sena 'l fuq.

F'dan l-aħħar erba' snin, il-P.L.Y.G. kien reponsabbli li jorganizza diversi edizzjonijiet tal-Qormi Bread Festival. Sirna nafu iktar dwar il-kultura ta' raħal twelidna, u barra min n hekk kienet opportunita' fejn aħna ż- żgħażagħ tgħallimna naħdmu fi grupp. Tghallimna ukoll hafna kwalitajiet u hiliet godda li zgur se jkunu utli ghalina il quddiem.

Il-grupp jiltaqa' ta' l-inqas darba fil-gimgha gewwa c-Centru Pastorali, fejn issir laqgha ta' formazzjoni ghal membri presenti. Dawn ikunu jitrattaw suggetti varji li huma relatati maz-zmien taz-zghozija.

Wahda mir-responsabbilitajiet principali tal-P.L.Y.G., izda, hija li janima il-quddiesa fit-tielet Hadd tax-xahar. Attivitajiet ohra huma seminars u live-ins, bbq's, hikes, cook outs u ħafna attivitajiet kreattivi u ta' gost. Iz-zghazagh huma direttament involuti fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet pastorali, socjali u kulturali kemm ghalihom u kif ukoll ghal haddiehor.